MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Numru 16/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Alex Mallia**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Mejju ta' din is-sena. Permezz tal-imsemmija sentenza dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-akkuzat li kienet tghid hekk:

**“Illi x-xiehda ta’ Godwin Sammut li tinsab a folio 162 u a folio 181 tal-process kif ukoll ir-rapport minnu ezibit a folio 183 huma inammissibbli skond il-ligi stante li ebda nomina ghall-finijiet ta’ valutazzjoni ma nghatat kif ukoll stante li r-rapport tieghu huwa wiehed kompletament imsejjes fuq informazzjoni lilu moghtija mill-Pulizija Ezekuttiva.”**

Effettivament din kienet it-tieni eccezzjoni sollevata mill-akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali fl-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar il-provi; l-ewwel eccezzjoni giet effettivament irtirata. Mallia jinsab akkuzat b’pussess tar-raza tal-*cannabis* f’cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu (l-ewwel kap), b’attakk jew resistenza kontra ufficjal pubbliku (it-tieni kap), bi hsara volontarja fi proprjeta` pubblika (it-tielet kap) u li saq vettura b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz (ir-raba’ kap).

**2.** L-ewwel Qorti qalet hekk dwar din (it-tieni) l-eccezzjoni:

**“Illi l-akkuzat qed jissottometti li l-espert Godwin Sammut ma kellux nomina biex jirrelata fuq il-valur tad-droga *de quo* u, jekk stess kellu, dan ma jaqax fil-parametri tal-kapacitajiet u ‘expertise’ tieghu. Hu gie nominat bhala analista (fol. 24) mill-magistrat inkwirenti w kien gie konfermat f’din il-hatra mill-Qorti Istruttorja (fol. 19). Meta xehed dan l-espert, qal li kien ottjena l-informazzjoni mill-“Police Drug Squad” umbaghad hu ghamel kalkolu matematiku bazat fuq dik l-informazzjoni. L-abbli difensur tal-akkuzat ghamel riferenza ghall-diversi sentenzi li skondu javallaw it-tezi tieghu fir-rigward.**

**“Ikkonsidrat;**

**“Illi bhala fatt meta l-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-*in genere* appunta lista ta’ esperti, kull ma qal fir-rigward ta’ dan l-espert kien :- “Godwin Sammut : analista” (fol. 2 tal-*process verbal* a fol. 24 tal-process). Il-Qorti Istruttorja kienet ikkonfermat il-hatra tal-esperti nominati fl-*in genere* (fol. 19 tal-prcoess). Godwin**

**Sammut kien xehed quddiem il-Qorti Istruttorja w esebixxa r-relazzjoni tieghu dwar il-kompozizzjoni, kwalita`, piz u purita` tad-droga (fol. 56 *et seq*.) Gara mbaghad li fi stadju minnhom l-Avukat Generali ghamel nota ta' rinviju fejn talab li "l-ufficjal prosekutur jghid x' valur ghandha d-droga involuta fil-kaz." (fol. 155). Din it-talba giet ripetuta f'noti ta' rinviju sussegwenti (fols. 158 u 159). Meta Godwin Sammut gie biex jixhed fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru, 2005, biex jivvaluta d-droga in kwistjoni, Dr. Giannella Caruana Curran kienet oggezzjonat ghax-xhieda ta' Godwin Sammut ghal diversi ragunijiet fosthom dik li l-kontributuri ghar-rapport qatt ma kienu gew nominati bhala esperti u qatt ma hadu l-gurament ghal dak li ghamlu. Cio` nonostante, hu xehed fid-dettall dwar il-valur (fols. 162 u 163). Ghal xi raguni mbaghad regghet giet ripetuta t-talba tal-Avukat Generali biex il-prosekutur jghid x'valur ghandha d-droga involuta fil-kaz, fir-rinviji a fols. 172, 176 u 179. Fl-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2006 (a fol. 181 u 182) minnkejja l-oggezzjoni tad-difiza fuq riferita, rega' xehed l-istess Godwin Sammut u rrepeta fis-sustanza dak li kien xehed a fols. 162 u 163 u pprezenta relazzjoni w dokument bil-valutazzjoni tieghu – (Dok. 11 a fols 183 sa 188). Sammut xehed li minhabba li l-kaz kien gara fis-sena 2004, hu qaghad fuq il-Malta Drug Situation 2004 National Report li minnu kien jirrizulta li l-cannabis fil-2004 kienet timbiegh ghaxar liri Maltin (LM10) kull tlitt grammi. Konsegwentement ladarba kien hemm 2439.3 gramma, il-valur totali kien jammonta ghal LM8131. Hu ma kienx seta' juza il-United Nations Report ghax ma kienx hemm valur ghal dik is-sena fih.**

**"Illi mill-ezami tal-process tal-Istruttorja jidher li minkejja li xehed f'dar-rigward, Godwin Sammut qatt ma gie nominat mill-Qorti Istruttorja biex jistma l-valur tad-droga *ut sic*. Jirrizulta ukoll li biex hu kkomputa il-valur totali strah fuq rapport kompilat minn haddiehor.**

**"Illi hu principju elementari tad-dritt penali taghna – u punt ta' ordni pubbliku – li bhala regola xhud ghandu**

**jixhed biss fuq il-fatti minnu konstatati b'wiehed mis-sensi tieghu minghajr ma jaghti opinjoni, cioe` minghajr ma jigbed inferenza jew inferenzi minn dawk il-fatti. Fis-sistema penali taghna dak li jikkaratterizza w jiddistingwi xhud espert – cioe' li jkun gie nominat mill-Qorti , u li jista' jigi nominat biss mill-Qorti – minn xhud li ma jkunx gie nominat espert hu dak** [recte: li] **ta' l-ewwel jista' jesprimi opinjoni ossia konkluzzjoni jew fehma tieghu (art. 656, Kap. 9) a rigward tal-ezami (tal-fatti) li jkun ikkonduca, mentri x-xhud li ma jkunx gie hekk nominat irid bhala regola (u ghalhekk salv certi eccezzjonijiet li johorgu mill-gurisprudenza, bhal per ezempju fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' oggett jew ta' persuna, jew il-velocita` li jkun ra vettura ghaddejja biha) jillimita ruhu ghal dawk l-affarijiet li jkunu gew a konjizzjoni tieghu permezz ta' wiehed mill-hames sensi. (ara App. Krim. *Il-Pulizija vs. Paul Johnson et* [23.11.2001] per V. De Gaetano J.; *Ir-Repubblika ta'Malta vs. Carmelo Spiteri* – Qorti Kriminali [31.8.1998] deciza finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' April, 2001; *Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri* App. Krim. 16.12.1998 u *Ir-Republikata' Malta vs. Mario Pollacco* App.Krim. [19.4.2001].)**

**"Issa fil-kaz in ezami l-hatra originali tal-espert Sammut fl-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* ma kienetx tispecifika l-inkariku tieghu. Ssemma biss "Godwin Sammut : analista". Meta giet konfermata n-nomina tieghu fil-kumpilazzjoni rega' ma intqal xejn dwar l-inkarigu tieghu w wara li l-Avukat Generali fir-rinviji beda jitlob ripetutament biex il-prosekutur jghid x'kien il-valur tad-droga involuta, gie prodott bhala xhud Godwin Sammut, minnkejja l-oggezzjoni verbalizzata tad-difiza biex dan ix-xhud jixhed fuq din il-materja tal-valur u minghajr ma nghata nkariku specifiku mill-Qorti Istruttorja biex jirrelata dwar il-valur tad-droga.**

**"Ghalhekk l-akkuzat ghandu ragun jghid li Sammut ma kienx gie nominat mill-Qorti biex jaqdi din il-mansjoni li zgur kienet tezorbita mill-isfera tieghu ta' analista w tohrog ukoll barra mill-kompetenza w**

**kwalifiki tieghu, tant li hu stess stqarr li kien ibbaza l-konkluzzjonijiet tieghu fuq rapport kompilat minn terzi li ovvjament ma gewx prodotti biex jixhdu dwar dak li qalu fir-rapport. Ghalhekk fir-rigward ta' x-xiehda moghtija minn Godwin Sammut a fol. 181 *et seq*. u tad-dokument a fol. 183, dan ix-xhud esprima opinjoni meta ma kienx gie nominat mill-Qorti bhala espert fuq din il-materja specifikatament. Kellha kull dritt id-difiza tobbjetta ghal din ix-xiehda kif ghamlet quddiem il-Qorti Istruttorja (fol. 160) u ghandha ragun issa li titlob li din ix-xiehda tigi dikjarata bhala inammissibbli bhala prova.**

**"Hija ukoll valida s-sottomissjoni tal-akkuzat li din l-opinjoni ta' Godwin Sammut fir-rigward tal-valur hija terga' bbazata fuq "opinjoni" ohra ta' terzi kontenuta fil-"Malta Drug Situation 2004 National Report" u ghalhekk ma kienetx bazata fuq fatti li Sammut kien ikkonstata bis-sensi tieghu kif fuq intqal. Ghalhekk anki ghal din ir-raguni dik ix-xhieda ta' Sammut a fol. 181 *et seq*. u d-dokument a fol. 183 ma humiex ammissibbli bhala prova.**

**"Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat qed tigi milqugha.**

**"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat stante li din giet irtirata fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2007 u tilqa' t-tieni eccezzjoni tieghu, billi tiddikjara d-depozizzjonijiet moghtija minn Godwin Sammut fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru, 2005 a fols. 162 u 163 u fl-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2006 (fols. 181 u 182) kif ukoll id-dokument 11 minnu esebit a fols. 183 sa 188 bhala li mhumiex ammissibbli bhala prova w konsegwentement tordna li ma ssir ebda riferenza ghalihom waqt is-smiegh tal-kawza quddiem il-gurati.**

**"Ghalhekk il-Qorti qed tiddifferixxi l-kawza *sine die* sabiex tkun tista' tinstema' quddiem din il-Qorti komposta ukoll mill-gurati meta jmissha t-turn u wara**

**li jkun gie deciz kull appell eventwali minn din is-sentenza, jekk ikun il-kaz.**

**“Sadattant l-akkuzat jibqa’ fl-istess stat li huwa llum ghal dak li jirrigwarda l-liberta` provizorja.”**

**3.** Kif inghad, l-Avukat Generali appella minn din id-decizjoni b’rikors intavolat fl-1 ta’ Gunju 2007. Huwa jikkontendi li d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti hija zbaljata u qed jitlob li din il-Qorti “joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn laqghet it-tieni eccezzjoni tal-appellat u minflok tammetti l-prova ta’ Godwin Sammut ukoll fil-parti li tirrigwarda l-valutazzjoni tad-droga u tikkonfermaha fil-bqija”. Bhala argumenti in sostenn ta’ din it-talba, l-Avukat Generali jikkontendi li n-nomina ta’ Godwin Sammut kienet wahda “generika” u li ghalhekk, bhala “analista”, kienet fl-mansjoni u l-kompetenza tieghu ta’ perit li mhux biss jistabilixxi l-kwantita` u l-kwalita` tad-droga – jew tas-sustanza, kienet x’kienet – involuta izda wkoll il-valur taghha. Jikkontendi wkoll li ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta qalet li “tali valutazzjoni ma kinitx attendibbli stante li kienet bazata fuq dak li qal haddiehor”. Skond l-appellant dan hu erroneu “ghax espert jista’ jaghti l-opinjoni tieghu u sta ghall-gurati li huma jaraw jaqblux bhala fatt ma’ tali valutazzjoni jew le u dwar il-kriterji li gew uzati biex l-espert ikun wasal ghal tali valutazzjoni”.

**4.** Din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta’ Lulju 2007, u tqis li frankament hawnhekk ghandna dak li bl-ingliz jissejjah *a storm in a teacup*. Jibda biex jinghad li, kwantu ghall-principji generali li jirregolaw in-nomina u d-deposizzjoni tal-periti, l-ewwel Qorti kienet korretta fl-esposizzjoni taghha. Fejn din il-Qorti ma taqbilx kemm mal-partijiet kif ukoll ma’ l-ewwel Qorti huwa dwar il-htiega ta’ perit ossia -- kif komunement jissejjah b’adoperazzjoni tan-nom ingliz -- “espert” biex jigi stabbilit il-valur tad-droga in kwistjoni. Huwa veru li hija prassi fil-Qorti tal-Magistrati li, tista’ tghid ghal kull haga ta’ xejn, jigi nominat espert biex jaghti l-valur ta’ oggett, ez. oggett misruq fejn il-valur tieghu jista’ jaghmel differenza ghal dik li hi kwalifika tas-serq u konsegwentement ghall-piena. Kif

inhu risaput, hlief meta jkun hemm xi hsara fl-oggett li tieghu wiehed ikun irid jiddetermina l-valur, l-“esperti” hekk nominati fl-istragrandi maggoranza tal-kazijiet jiddeterminaw il-valur a bazi ta’ informazzjoni li jkunu kisbu minn katalogi u dokumenti ohra li jkunu jindikaw il-prezz fis-suq ta’ l-oggett jew l-oggetti in kwistjoni. Hadd pero` sa issa qatt ma ghaddielu mill-antiporta ta’ mohhu li jitlob li jigu prodotti bhala xhieda in-nies (kollha jew parti minnhom) li jkunu kkontribwew ghall-istesura ta’ dawk il-katalogi jew dokumenti! U f’materja bhalma hija d-droga fis-suq illegali, il-valur ma jistax jigi determinat hlief b’referenza ghall-prezz f’dan is-suq illegali. Dan il-prezz necessarjament jigi stabbilit minn informazzjoni li tkun gabret il-pulizija fil-kors tax-xoghol taghha (u forsi anke bil-ghajnuna tal-*intelligence services*). U tali prezz anqas ma jista’ jinghad li hu xi haga assoluta u ta’ precizjoni matematika. L-izball li, bid-dovut rigward lejn kulhadd, qed isir f’dan il-kaz jikkonsisti fl-insistenza – li jidher li bdiet quddiem il-Qorti Istruttorja, ghalkemm ma jidhirx li kien l-Avukat Generali li hekk insista – li ghad-determinazzjoni tal-valur tad-droga in kwistjoni – raza tal-*cannabis* – hemm bzonn id-deposizzjoni ta’ perit. Huwa sinjifikanti l-fatt li quddiem il-Qorti Istruttorja l-Avukat Generali kien qed jitlob li “l-ufficjal prosekutur” jghid x’kien il-valur tad-droga, u mhux li jigi nominat espert. Jidher, pero`, li l-ufficjal prosekutur ghazel li, flok ma jixhed hu kif mitlub, jirriproduci ghal darbtejn lil Godwin Sammut. Issa, naturalment, l-Avukat Generali biddel id-diska u qed jghid, jew jinferixxi, li tali deposizzjoni kienet taqa’ fil-mansjoni ta’ l-imsemmi Sammut. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, taqbel li meta dan Sammut gie nominat bhala “analista”, fis-sens ordinarju tal-kelma analizi, meta si tratta ta’ sustanza suspettata li hi droga, tfisser li dak li jkun, effettivament jiddetermina n-natura ta’ dik is-sustanza u, per di piu` meta si tratta ta’ certa droga, anke l-purita` taghha. Pero` la l-piz u anqas il-prezz taghha ma jirrikjedi xi “hila jew sengha specjali” (Art. 650(1), Kap 9.). Il-piz normalment jigi determinat mill-analista anke ghall-fini biex jigi assigurat li xejn minn dak maqbud u ezibit jispicca fejn mhux suppost, u anke biex wiehed jaghti idea generali tal-kwantita` involuta – illum anke il-bniedem tat-triq jista’ jaghmel id-differenza fil-portata ta’ sejba ta’ droga jekk din

tkun tikkonsisti fi gramma jew tnejn, jew f'ghexieren, mijiet jew eluf. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti li d-dokument konsistenti fil-***Malta Drug Situation – 2004 National Report*** ma setax jigi ezibit. Anzi dan kien l-uniku dokument li seta' proprjament jigi ezibit biex wiehed – anke l-Qorti jew il-gurati stess – jaghmlu semplici kalkolu matematiku, bl-ghajnuna ta' *calculator* jekk dak li jkun ikun ftit batut fil-matematika. Ghalhekk, l-argument ta' l-Avukat Generali "li espert jista' jaghti l-opinjoni tieghu u sta ghall-gurati li huma jaraw jaqblux bhala fatt ma' tali valutazzjoni" huwa totalment irrelevanti u *way off the mark*. F'dan il-kaz ma kien hemm bzonn ta' ebda nomina ta' "espert" – kullma kien hemm bzonn kien li xhud – anke l-istess ufficjal prosekutur – jezibixxi d-dokument aktar 'il fuq imsemmi u jsir il-kalkolu mehtieg. Hija hasra li fuq punt hekk semplici kellhom jinhlew disa' xhur matul il-kumpilazzjoni – mis-16 ta' Awissu 2005 meta l-Avukat Generali l-ewwel darba talab lill-"ufficjal prosekutur jghid x'valur ghandha d-droga involuta fil-kaz", sat-22 ta' Mejju 2006 meta Godwin Sammut gie riprodott ghat-tieni darba.

**5.** Ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali ser jigi akkolt, ghalkemm mhux a bazi tal-argumenti migjuba mill-istess Avukat Generali, b'dan pero` li d-deposizzjonijiet ta' Godwin Sammut a fol. 162 sa 163 u 181 sa 182, kif ukoll id-Dokument 11 (fol. 183 sa 188) ghandhom jitqiesu bhala deposizzjonijiet ta', u dokument redatt minn, xhud ordinarju u mhux minn perit.

**6.** Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell u, prevja r-rigett tat-tieni eccezzjoni tal-appellat kif minnu sollevata quddiem il-Qorti Kriminali, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata li ddikjarat id-deposizzjonijiet moghtija minn Godwin Sammut fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2005 a fol. 162 u 163 u fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2006 a fol. 181 u 182, kif ukoll id-Dokument 11 minnu ezibit (fol. 183 sa 188) bhala mhux ammissibbli bhala prova kif ukoll fejn ordnat li ma ssir ebda referenza ghalihom waqt is-smigh tal-kawza quddiem il-gurati u minflok tiddikjara l-istess deposizzjonijiet u dokument ammissibbli skond il-ligi u li tista' ssir referenza ghalihom skond il-ligi, b'dan pero` li dawn ghandhom f'kull kaz jitqiesu bhala d-deposizzjonijiet

ta', u dokument redatt minn, xhud ordinarju u mhux minn perit nominat mill-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------